# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar, 2025.**

**Numru 7**

**Rikors numru 216/2021/1 AL**

**A B (KI -omissis-)**

**v.**

**C D (KI -omissis-)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attriċi A B minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-19 ta' Ġunju, 2024, fejn din ċaħdet it-talbiet attriċi għall-varjazzjoni tal-kuntratt datat 6 ta' Settembru, 2019.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-2 ta' Settembru, 2021, l-attriċi fissret illi l-partijiet huma ta' nazzjonalità Franċiża u żżewġu ġewwa l-Mauritius nhar it-23 ta' April, 2007. Ġie kkonfermat illi minn dan iż-żwieġ twieled E D fis-7 ta' April, 2015. Iż-żwieġ tal-partijiet tkisser, bir-riżultat li fit-28 ta' Frar, 2018 il-Qorti tal-Familja ta' Larnaca ġewwa Ċipru, ippronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet. Hija tgħid illi l-intimat kien qiegħed diġà jirrisjedi ġewwa Malta, u wara d-divorzju, l-attriċi flimkien mal-minuri ġew ukoll jirrisjedu hawnhekk. Fis-6 ta' Settembru, 2019, il-partijiet iffirmaw ftehim rigward il-minuri, fejn ġie maqbul illi: (a) il-kura u kustodja tal-minuri għandha tkun konġunta bejn il-partijiet; (b) ir-residenza ordinarja u abitwali tal-minuri tkun ma' tal-omm; u (ċ) il-missier ikollu dritt ta' aċċess għall-minuri fi tmiem il-ġimgħa u festi pubbliċi.

3. L-attriċi tispjega wkoll illi hija taħdem fis-settur tal-avjazzjoni, u għalhekk, bil-kunsens tal-konvenut hija kienet issiefer ta' spiss bil-minuri. Bis-saħħa ta' dan ix-xogħol, hija kienet flessibbli biżżejjed sabiex tlaħħaq mal-bżonnijiet tal-minuri, filwaqt li kienet ukoll tiġġenera dħul konsiderevoli li permezz tiegħu kienet tkopri l-maġġor parti tal-ispejjeż tal-minuri. Madankollu, il-pandemija tal-Covid-19 affetwat l-istabbilità tal-impjieg tal-attriċi hekk kif il-kumpannija li kienet taħdem magħha, -omissis- Malta Limited, waqfet il-kuntratt ta' impjieg indefenit tal-attriċi u

minflok impjegata fuq kuntratt definit li seta' jiġi mġedded kull tliet (3) xhur. Fid-dawl ta' dan, l-attriċi tispjega li bdiet tfittex xogħol ieħor ġewwa Malta, iżda bla suċċess. Madankollu, hija rnexxielha ssib impjieg ġewwa Franza, u wara li vverifikat li dan il-pass ikun fl-aħjar interess tal-minuri, hija nfurmat lill-konvenut b'dan kollu permezz ta' ittra legali datata 10 ta' Lulju, 2021. Il-konvenut oġġezzjona illi l-attriċi tirriloka ġewwa Franza u tieħu lill-minuri magħha.

4. Minħabba f'hekk, wara li ġabet il-permess mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-istess Qorti sabiex:

> *«1. Tawtorizza li jiġi emendat il-kuntratt ta' kura u kustodja ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar is-6 ta' Settembru, 2019 fl-aħjar interess tal-minuri;*
>
> *2. Tordna li klawsola 1 tal-kuntratt tiġi emendata billi l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' konġunta bejn iż-żewġ partijiet bir-residenza ordinarja tal-minuri tibqa' mal-Omm, b'dan illi l-minuri jirrisjedi ġewwa Franza;*
>
> *3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tikteb lill-minuri ġewwa skola -omissis- u tħassar klawsola 2.2 tal-kuntratt fejn il-partijiet kienu qablu li l-minuri jattendi l-Kulleġġ -omissis-;*
>
> *4. Tawtorizza l-emendi ta' klawsoli 4 u 5 tal-kuntratt, li fihom hemm stipulat id-dritt tal-intimat għal aċċess għal minuri, u tordna aċċess tal-intimat għal minuri adegwat, fl-aħjar interess tal-minuri, tenut kont tal-fatt li l-intimat ser jibqa' jirrisjedi ġewwa Malta;*
>
> *5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimat fl-eventwali kontumaċi;*
>
> *6. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirreġistra l-att relattiv fir-Reġistru Pubbliku għal finijiet u effetti kollha tal-Liġi.*
>
> *U dan salv provvedimenti ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti jidhrila*

*xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi.*

*Bl-ispejjeż.»*

5. Il-konvenut wieġeb għal dan ir-rikors permezz ta' tweġiba tal-5 ta' April, 2022, fejn joġġezzjoni bil-qawwa għat-talbiet attriċi u jgħid illi l-kuntratt tas-6 ta' Settembru, 2019 m'għandux jiġi disturbat fid-dawl tal-massima legali *pacta sunt servanda.* Fil-fehma tal-konvenut, il-minuri stabbilizza ruħu ġewwa Malta, u kwalsiasi traslok f'pajjiż ieħor mhuwiex fl-aħjar interess tal-minuri.

6. B'sentenza mogħtija fit-19 ta' Ġunju, 2024, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), iddeċidiet il-kawża hekk:

> *«Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-attriċi fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra l-attriċi.»*

7. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għaliex iddeċidiet il-kawża b'dan il-mod kienu dawn:

> *«Il-partijiet, it-tnejn ta' nazzjonalità Franċiża, iżżewwġu fit-23 ta' April 2007 u minn dan iż-żwieġ twieled il-minuri E D nhar is-7 ta' April, 2015 ġewwa Franza. Il-partijiet ottjenew divorzju fit-28 ta' Frar, 2018 u l-attriċi għexet f'pajjiżi differenti flimkien mat-tifel sakemm fl-2019 ġiet Malta għal raġunijiet ta' xogħol, fejn kien hawn diġà jgħix il-konvenut u fis-6 ta' Settembru 2019 huma ffirmaw ftehim ta' kura u kustodja fejn ftehmu inter alia illi:*
>
>> *(1)The care and custody of the said minor is being granted to both parents acting jointly, so however that the ordinary residence of the said minor child shall be with the Mother.*
>>
>> *(2) Both parents shall jointly take all necessary decisions regarding the health and education of the said minor child and shall revert to the competent Court in case of conflict or*

*disagreement...*

*...*

*(4) The minor shall reside habitually with the Mother; the Father shall have access to the Minor every weekend, with pick up of the minor every Friday at one (1.00pm) or at three in the afternoon (3.00pm) from 42 school. The Minor shall remain with the Father from the said time on Friday until the following Sunday at ten in the morning (10.00am) whereupon the minor shall be returned by the Father to the Mother at the Mother's place of residence.*

*...*

*Dan sakemm imbagħad l-attriċi tgħid li ġiet redundant mill-post tax-xogħol li kienet taħdem miegħu hawn Malta minħabba li taħdem fl-industrija tal-avjazzjoni u kien żmien il-pandemija tal-COVID-19. Meta mbagħad ġietha opportunità ta' xogħol ġewwa l-Lussemburgu, tletin minuta sewqan 'il bogħod minn Franza, talbet lill-konvenut kunsens sabiex terġa' għal darb' oħra titrażloka bit-tifel, li sadanittant kien bena relazzjoni ma' missieru hawn Malta, u tmur bih ġewwa Franza fejn il-partijiet għandhom ukoll il-familji estiżi tagħhom. Madanakollu l-konvenut irrifjuta li jagħti l-kunsens għal dan u għalhekk kellha tipproċedi b'din il-kawża.*

*Kif jgħid fir-rapport tiegħu l-Perit Legali[1], in kontro-eżami l-attriċi xehdet illi lejn l-2015, jiġifieri meta t-tifel kien għadu tarbija, hija telqet minn Franza u f'temp ta' ħdax-il xahar, kienet siefret minn Nizza għal Malta, u mbagħad lura għal Nizza, u mbagħad lejn Linz, l-Awstrija, u mbagħad lura għal Nizza, u mbagħad għal Ċipru, fejn damet madwar sentejn. Fiż-żmien li kienet l-Awstrija, Ċipru u l-Ingilterra it-tifel kien ikun mal-baby-sitter. Ir-rilokazzjoni minn post għal ieħor dejjem kienet minħabba għażliet ta' xogħol fil-fatt hija tgħid fil-kontro-eżami illi «Coming to Malta was a professional decision. When I decided to go to Linz, Austria and Cyprus and London for training it was always a professional decision.»[2] Ovvjament il-konvenut kien ikollu isiefer biex jara lil ibnu wara li ħadu d-divorzju.*

*Il-Qorti ser tibda mill-punt illi l-partijiet iffirmaw ftehim bejniethom illi l-attriċi donnha ma tifhimx il-portata tiegħu. Għalkemm ħajjitha bit-tifel kienet karatterizzata minn safar minn post għal ieħor u għajxien f'pajjiżi differenti, meta ġiet Malta hija ħadet deċiżjoni li tiffirma kuntratt mal-konvenut iżda donnha li ma fehimtx li permezz ta' dan il-kuntratt hija qiegħda tidħol fi ftehim li ma tistax tinħall minnu kif ġib u laħaq biex hija tista' tkompli bl-istess pattern li kienet qed tgħix bih qabel. Hija riedet tagħmel ftehim*

---

[1] Fol. 428.
[2] Seduta tal-4 ta' Awwissu, 2022 a fol. 453.

*għaliex tgħid illi kellha problema bil-manteniment iżda issa ma tistax toqgħod tagħżel mill-ftehim għal liema klawżoli japplikaw u liema tista' tbiddel kif ġieb u laħaq.*

*Hawn issir referenza għall-prinċipju kkwotat f'dan il-każ dak tal-pacta sunt servanda. Tali prinċipju huwa nkorporat fil-liġi tagħna permezz tal-**Artikolu 992 tal-Kap. 16**:*

> *«(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*
>
> *(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi.»*

*Għandu jiġi ċċarat illi l-prinċipju ta' pacta sunt servanda li huwa l-prinċipju bażilari li jirregola l-kuntratti ma jiġix osservat mill-Qorti b'tali mod riġidu anke jekk dan imur kontra l-aħjar interessi tat-tfal. Dan fis-sens illi l-Qorti tagħraf illi f'ċirkostanzi fejn l-affarijiet jinbidlu b'tali mod illi jekk ser jibqa' jiġi osservat il-kuntratt dan ser ikun ta' detriment għat-tfal, mela hemm ma tistax tagħlaq għajnejha u tapplika b'mod riġidu dan il-prinċipju. Fil-fatt jingħad fil-każ fl-ismijiet AB vs CD[3]:*

> *«Fl-ewwel lok u fir-rigward tal-kwistjonijiet naxxenti miż-żwieġ li jolqtu biss lil miżżewġin, u ċioe' inter alia, l-manteniment, is-suċċessjoni, il-molestar, il-kapaċita' legali, il-kunjom, ix-xoljiment, il-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, appena dawn il-kwistjonijiet jiġu deċiżi mill-miżżewġin fil-kuntratt tal-firda personali tagħhom dawn għandhom jiġu meqjusa finalizzati definittivament, mingħajr il-lok li wieħed jista' jerġa' jittenta jidħol fil-mertu tagħhom quddiem il-Qorti, salv jekk jkun hemm xi qbil bejn il-partijiet nfushom. Min-naħa l-oħra u fit-tieni lok, dawk il-kwistjonijiet naxxenti miż-żwieġ iżda li jolqtu ulied il-miżżewġin, u ċioe' l-kura, kustodja, l-aċċess u l-manteniment, appena dawn jiġu deċiżi mill-miżżewġin fil-kuntratt tal-firda personali tagħhom, dawn ma jistgħux jitqiesu bħala kwistjonijiet definittivi, għaliex jista' jkun hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi li ma jkunx qiegħed jagħmel ġid lill-interessi tal-ulied, u b'hekk ikun meħtieġ li l-klawsoli tal-kuntratt tas-separazzjoni jerġgħu jiġu riveduti abbażi tal-bdil taċ-ċirkostanzi in kwistjoni.*
>
> *Il-Qorti ma tarax xieraq u f'loku illi sabiex tiġi applikata rigorożament il-prinċipju tal-pacta sunt servanda, għandha taljena lilha nnifisha mill-interessi supremi tal-ulied. Dan żgur ma huwiex l-obbligu ta' din il-Qorti, u lanqas ma huwa fl-interess tagħha li tara li l-ulied ikunu l-vittmi tal-ġenituri tagħhom stess. Fl-aħħar mill-aħħar huwa proprju għalhekk li ai termini tal-**Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili** l-leġizlatur pprovda lill-Qorti tal-Familja bid-diskrezzjoni assoluta li tiddeċiedi skont kif jidrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi meta si tratta l-ulied, għaliex minħabba ir-reżiljenza ta' bejn ġenituri li ma baqgħux flimkien bħala koppja,*

---

[3] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Mejju, 2021 (Rik. Ġur. Nru. 23/15AL).

*miżżewġa o meno, jista' jagħti l-każ li l-interessi tal-minuri jiġu skartati minħabba l-ego.»*

*Huwa f'dan l-isfond illi wieħed irid jagħrbel din is-sitwazzjoni li l-Qorti għandha quddiemha. Il-Qorti tħoss illi f'dan il-każ iċ-ċirkostanzi huma propjament il-kuntrarju ta' dan – il-minuri f'dan il-każ huwa settled hawn Malta u kuntent maż-żewġ ġenituri u ma hemmx ċirkostanzi illi inizzjaw kwistjoni illi l-kuntratt qed imur kontra l-aħjar interessi tat-tifel. Ma ġara xejn minn meta ġie iffirmat il-kuntratt illi nbidel b'mod illi dak mifthiem m'għadux fl-aħjar interess tal-minuri. Il-Perit Legali jikkwota sentenzi li jgħidu illi f'ċirkostanzi gravi, eċċezzjonali jew indipendenti mill-volontà tal-parti ġabuha fl-impossibiltà li tkompli teżegwixxi l-obbligu tal-ħlas ta' manteniment pattwit. Huwa jgħid li għalhekk dan li jingħad għall-manteniment jista' jiġi applikat hawn. Il-Qorti ma hijiex tal-istess fehemha u dan għaliex ma jistax hawn jingħad illi ġraw ċirkostanzi eċċezzjonali li ġabuha fl-impossibiltà li tkompli teżegwixxi l-obbligi li kkommettiet għalihom fil-kuntratt.*

*Huwa vera li l-omm sfat redundant minħabba l-pandemija, madanakollu hija mbagħad sabet xogħol ieħor u millevidenza li jġib il-konvenut il-post tagħha ġiet riklamata*[4] *xhur wara hawn Malta fuq website fejn wieħed jista' jara postijiet tax-xogħol li qed jiġu riklamati jiġifieri xogħolijiet fillinja tagħha jeżistu hawn Malta wkoll. Magħdud ma' dan ilQorti ma hix konvinta li huwa għalhekk illi l-attriċi trid titlaq minn Malta. Kif jixhed il-passat tagħha hija dejjem imxiet minħabba opportunitajiet ta' xogħol, kif tixhed hi stess, u għalhekk dan ma kien xejn differenti. Jista' jagħti każ illi rrole li hija sabet ġewwa l-Lussemburgu kienet iktar ta' vantaġġ għaliha fil-karriera, għalkemm hija ssemmi biss li bħala role tħallas iktar, madanakollu dan ma jfissirx li ġraw ċirkostanzi gravi u eċċezzjonali li biddlu ċ-ċirkostanzi talkuntratt għaliex hawn Malta kien hawn jobs simili li fihom ħadmet hi stess. Qabel il-pandemija ma mxietx minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali iżda sempliċiment minħabba raġunijiet professjonali. Il-Qorti tħoss li l-attriċi trid timxi għal l-istess raġunijiet ta' qabel u tonqos milli tagħraf illi issa hija kienet daħlet f'kuntratt mal-konvenut u għalhekk kellha obbligu li żżomm mal-kuntratt kif għandu wkoll il-konvenut. Il-fatt li trid terġa' timxi f'pajjiż ieħor bħal ma dejjem għamlet għal raġunijiet professjonali (la għar-raġel u lanqas għat-tifel) ma kienx fatt impreviddibli u l-attriċi setgħet ħasbet fuqu filmument li daħlet f'kuntratt mal-konvenut. F'dak il-mument hija kkommettiet għal dawk l-obbligi. Il-konvenut daħal f'dan il-kuntratt, ftehmu illi l-kura u kustodja tat-tifel ser tkun konġunta, ikkommetta kif joħroġ mill-provi sabiex jibni relazzjoni soda mat-tifel, kien qed jeżerċita l-aċċess mifthiem u għamel il-pjanijiet tiegħu wkoll ladarba kien hemm kuntratt definit u issa l-attriċi qed tippretendi li jinsew dak kollu u tkompli bil-pattern ta' qabel li tieħu lit-tifel minn post għal ieħor mingħajr ma tkun qed taffetwa lill-*

---

[4] Fol. 235.

*konvenut u fuq kollox lit-tifel.*

*Il-Qorti lanqas ma taqbel mad-difensur tal-attriċi li jgħid illi filkuntratt ma hemm imkien li jgħid li habitual residence ma' lomm trid tkun Malta. Għalkemm dan ma jingħadx in so many words madanakollu huwa ċar daqs il-kristall illi lintenzjoni tal-partijiet f'dak il-mument kien propju dak, tant illi l-aċċess tal-missier kellu jibda kull nhar ta' Ġimgħa meta dan jiġbru mill-iskola. Ovjament tali aċċess kif mifthiem ma setax iseħħ kieku l-attriċi qiegħda bit-tifel f'pajjiż ieħor.*

*Fil-fatt l-attriċi stess tagħti raġunijiet oħra għalfejn trid titlaq lejn Franza bit-tifel prinċipalment illi «This will be for the best of my son, to identify his roots»[5] u tgħid ukoll li tali rilokazzjoni tkun ta' vantaġġ għax ser tkun qrib il-qraba u l-familjari tal-partijiet u ser ikun espost għall-kultura u l-istil ta' ħajja tal-pajjiż fejn twieled. Dawn kienu vantaġġi li setgħet tagħraf ukoll fil-waqt tal-iffirmar tal-kuntratt.*

*Il-Qorti għalhekk mingħajr preġudizzju għal dak li diġà ntqal dwar il-prinċipju tal-pacta sunt servanda sejra tara jekk din ir-rilokazzjoni hix fl-aħjar interessi tal-minuri. Kif ben magħruf f'dawn it-tip ta' kawżi l-Qorti dejjem tisħaq li l-ewwel konsiderazzjoni għandha tkun the best interests of the child. Tgħid il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet* ***S M v. P V****,[6] stated that «The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.»*

*Tgħid ukoll il-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal f'***Artikolu 3***:*

> *«In all actions concerning children, whether undertaken by public or private social welfare institutions, courts of law, administrative authorities or legislative bodies, the best interests of the child shall be a primary consideration.»*

*Jirriżulta għalhekk illi the best interests of the child għandhom ikun konsiderazzjoni primarja. Dan ma jfissirx illi l-Qorti ma għandhiex tqis konsiderazzjonijiet oħra; infatti l-Konvenzjoni tuża «***a*** primary consideration» jiġifieri jista' jkun hemm fatturi*

[5] Seduta tal-4 ta' Awwissu, 2022 a fol. 453.
[6] Deċiża fil-25 ta' Novembrum, 1998.

*oħra, madanakollu l-Qorti trid tara li dawn il-konsiderazzjonijiet ma jkunux qed jitpoġġew qabel l-interessi tat-tfal a detriment tagħhom. Infatti tgħid il-Qorti Ewropeja fil-każ* ***Sahin vs Germany [GC]***,[7] *li the child's best interests may, depending on their nature and seriousness, override those of the parents.*

*L-attriċi fil-fatt tgħid li tali rilokazzjoni ser tkun ta' vantaġġ għat-tifel li jista' jerġa' jsib l-għeruq tiegħu f'pajjiżu u dan ser ikun ta' vantaġġ għal iżvilupp, edukazzjoni u ħajja tal-istess minuri u jkun qrib tal-familjari tiegħu. Il-Qorti madanakollu tħoss li dan kollu qed jingħad biss għaliex l-attriċi trid tirriloka minħabba l-karriera tagħha. Issa fiha nnifisha din ir-raġuni ma hix raġuni ħażina u kif jgħid id-difensur tagħha fit-trattazzjoni, l-Qrati tagħna jagħrfu d-dritt tal-ġenituri li jibnu karriera anke wara separazzjoni/divorzju. Madanakollu wieħed ma jistax idawwar kollox ma' dan il-fatt u jippretendi li ta' madwaru għandhom jaddattaw kull darba għax-xewqat tiegħu biex dan javvanza fil-karriera. L-attriċi trid tiftakar li din id-darba ffirmat kuntratt u b'hekk wiegħdet lill-konvenut li ser twettaq ċerti obbligi. Apparti minn hekk il-Qorti ma hix konvinta illi l-attriċi vera temmen li huwa daqshekk importanti li jkollha s-support tal-familja qrib tagħha u li t-tifel jerġa' jiskopri għeruqu għaliex meta kien għadu tarbija, fejn jekk xejn kellha iktar bżonn ta' support, hija ma ddejqitx titlaq minn Franza minħabba x-xogħol u t-tifel kien ikun mal-babysitters. Issa f'dan il-mument wara li rritornat Malta s-sitwazzjoni nbidlet. Hija ma hix single mother kif tgħid li hi*[8] *u ma tistax tippretendi li hi hekk biex tevita l-fatt li hemm missier, li qed jieħu r-responsabbilitajiet ta' missier kif evidenti mill-provi, u li l-missier bena relazzjoni soda ma' ibnu u li għalhekk il-passi li ser tagħmel hi ser jaffetwaw lil binha li ma għadux tarbija u li wara li ġabitu hawn Malta hi stess minħabba x-xogħol tagħha bena ħajja u relazzjonijiet hawn Malta.*

*Il-Qorti tisħaq illi d-drittijiet tal-omm għal bini ta' karriera ma jistgħux ikunu assoluti fiċ-ċirkostanzi. Huwa vera li kien hemm istanzi li l-missier żbalja fis-sens illi per eżempju ma segwiex il-portal tal-iskola u għalhekk it-tifel ma għamilx xi xogħol tal-iskola, madankollu jirriżulta biċ-ċar li meta ġie nvolut il-missier ħa fuqu b'mod sħiħ ir-responsabbilitajiet ta' missier u qed jibni relazzjoni sabiħa ma' ibnu tant li ibnu huwa mtaqqal b'dan li issa qed jiġri. Jidher biċ-ċar anke mid-dokumenti li produċa l-missier illi huwa għamel kuntatt tajjeb mal-iskola meta kien hemm bżonn u anke mal-għalliema tal-attivitajiet extra-kurrikulari. Il-Qorti tħoss illi peress li l-omm kellha dejjem it-tifel jgħix magħha hija drat tieħu ċerta deċiżjonijiet weħedha mingħajr ma tikkonsulta mal-missier. Il-missier jidher li għandu opinjoni li jixtieq jesprimi dwar ħajjet it-tifel u għalhekk jixtieq u għandu fil-fatt ikun involut b'mod sħiħ fejn jidħlu deċiżjonijiet ta' attivitajiet li jmur it-tifel u deċiżjonijiet*

[7] No. 30943/96, § 66, ECHR 2003-VIII.
[8] Affidavit tal-attriċi a fol. 61.

*iktar serji bħal meta riedet tittieħed id-deċiżjoni jekk it-tifel jingħatax il-vaċċin tal-COVID-19. Għall-omm hija iktar faċli li tgħix ħajja għal rasha, fejn u kif trid hi mat-tifel, u tinqeda b'terzi għas-support iżda mhix tagħraf illi minkejja li r-relazzjoni tagħha mal-missier spiċċat, ir-relazzjoni tagħha mal-missier qua t-tifel ma tistax tieqaf kemm għaliex il-missier għandu l-kura u kustodja konġunta tat-tifel, kemm għaliex huwa qiegħed fil-fatt jieħu sehem attiv f'ħajjet it-tifel u anke għaliex issa t-tifel bena relazzjoni sabiħa ma' missieru hekk fiż-żmien meta t-tifel kien fl-istess pajjiż ma' missieru.*

*Jingħad għalhekk illi l-interessi tal-omm ma jistgħux jingħataw prijorità l-ewwel u qabel kollox mingħajr ma jiġu bilanċjati ma' dawk tal-minuri. L-attriċi tippreferi li t-tifel jiġi kkurat minn terzi (babysitters) jew familja estiża milli minn missieru li tant iħobbu. Hija tgħid «So far I have never needed such assistance, but if in the eventually that there is need of some assistance, I know at the back of my mind that there are a number of family members that I can rely on.»[9] Madankollu hawn Malta hawn il-missier li għandu jkun hu li jingħata ċ-ċans li jaqsam ir-responsabbilitajiet tal-omm għall-affarijiet tat-tifel. Il-Qorti ma tħossx li l-omm ġabet provi tali li juru li l-missier m'huwiex wieħed responsabbli, anzi jidher li huwa missier involut sew f'ħajjet it-tifel tant li t-tifel bena bond sabiħa ma' missieru li lanqas ma tiġi mix-xejn. Tant qatt ma kien missier irresponsabbli li l-omm stess fl-2019 aċċettat li jkollha kura u kustodja konġunta miegħu meta ffirmaw il-kuntratt. Il-Qorti ma taqbilx mal-Perit Legali li jgħid li donnha l-omm għandha pjan meta tmur Franza kif ser tagħmel bit-tifel u li l-missier m'għandux. L-unika pjan li għandha l-omm għalkemm jidher sempliċi ma jfissirx li huwa l-ideali fiċ-ċirkostanzi. Kif jgħid il-Perit Legali[10] l-attriċi offriet risposta meta mistoqsija kif ser torganizza ruħha weħedha bit-tifel u fil-fatt hija tgħid «The job is in Luxembourg, 30 minutes from France. E would stay at school because school starts 8.30 AM, the breakfast club is from 7 AM till 8.30 AM, and then 8.30 AM till 4.30 PM is the school and then 4.30 PM till 7 PM is the club after school. The work is half an hour from school. The job is in Luxembourg. From school to Luxembourg there is a 30 minute drive, with traffic maybe 45 mins. I drop E at 8 o'clock and will pick him up between 5.30 PM and 6 PM and during that time he is doing school work, at school, because this is what they do; the same as here».[11]*

*Kull ma qalet għalhekk, kif jista' jsir hawn Malta stess, huwa li t-tifel jista' joqgħod ma' terzi wara l-iskola għaliex fuq kollox ma semmietx li l-familja estiża ħa tkun qed tgħinha fil-ħajja ta' kuljum u dan il-Qorti tista' tagħrfu weħedha għaliex il-familja estiża xorta waħda ma hix qrib biżżejjed biex jagħmlu dan. Hija kuntenta*

[9] Fol. 61.
[10] Fol. 438.
[11] Seduta tal-4 ta' Awwissu, 2022 a fol. 451.

*tħallih ma' terzi meta hawn Malta żgur li f'ċertu istanzi anke mhux fil-ħinijiet stretti tal-aċċess jista' joffri s-support tiegħu l-missier. Meta l-konvenut kien affaċjat bil-mistoqsija x'jagħmel bit-tifel jekk l-omm ma tkunx f'pajjiżna, huwa jgħid li jrid jorganizza ruħu, irrefera għall-Klabb 3-16 u anke għall-partner u l-familja tagħha. Il-konvenut ilu tlettax-il sena fl-istess xogħol u ilu snin fl-istess relazzjoni u għalhekk joħroġ biċ-ċar li huwa bniedem affidabbli kemm fil-ħajja personali u anke f'xogħolu u li jista' joffri stabbiltà. Fil-fatt Manager li ħadmet fil-qrib mal-konvenut tgħid li «Without any doubt and while speaking in the name of my fellow managerial colleagues I can willingly say that C is focused, reliable, professional, organised, pursuant of his goals with a bright character making it a pleasure for all of our employees to work with. He is a fantastic team leader with the constant aim to achieve favourable and better results.»*[12]

*Il-Qorti tħoss li fiċ-ċirkostanzi l-minuri għandu bżonn din l-istabbilità. L-attriċi tgħid li hija temmen li għandha trabbi lit-tifel open minded,*[13] *ħaġa li fiha nnifisha hija tajba, madanakollu tonqos milli tqis it-tibdil kollu li għadda minnu dan it-tifel diġà f'ħajtu u ċioé; 1. meta kellu diġà jgħaddi mit-trawma li kull separazzjoni ta' ġenituri inevitabilment iġġib magħha; 2. ir-rilokazzjonijiet kollha li saru, fejn anke jekk komdu ma' ommu, żgur kellu kull darba jaġġusta ruħu għal realta` ġdida u rutini differenti; 3. l-involviment ta' missieru f'ħajtu meta ġew Malta; 4. l-aġġustament għal ħajja ta' ommu u missieru fl-istess pajjiż; u 5. issa l-proposta ta' bidla oħra li mhux ser iġġib biss magħha bdil ta' pajjiż iżda wkoll li dan it-tifel ser jispiċċa jgħix f'pajjiż differenti minn missieru. Hawn wieħed ma jistax ma jirreferix għar-rapport li rrediġiet il-psikologa Carmen Sammut*[14] *li ltaqgħet kemm mal-ġenituri u wkoll mat-tifel u ġibdet ċerti konklużjonijiet anke minn assessment tools li użat u wkoll għat-tweġibiet in eskussjoni.*[15] *Hija tgħid proprju li t-tifel diġà kellu u għadu jaġġusta għall-fatt li l-ġenituri m'għadhomx flimkien, issa ser jerġa' jkollu jaġġusta għall-fatt li ser jerġa' jinfired minn ma' missieru.*

*Hawn irridu niftakru illi qed nitkellmu dwar minuri li għadu żgħir ħafna. Tant it-tifel għadu teneru li kif tixhed il-partner tal-konvenut għadu jrid idejn missieru biex jorqod.*[16] *Id-difensur tal-attriċi jipprova jpinġi s-sitwazzjoni bħala waħda naturali u li bilfors il-bidla ser tnissel ċertu biża fit-tifel. Madankollu li wieħed jinjora l-pariri kollha tal-psikologa u jinsisti li dan kollu huwa normali u li t-tifel mhux ser jiġi affetwat bl-ebda mod li jitlaq mill-pajjiż fejn ser ikun missieru u fejn qed iħoss stabbilità hija stance*

[12] Dokument preżentat mal-affidavit tal-konvenut a fol. 278.
[13] Affidavit tal-attriċi a fol. 64.
[14] Fol. 387.
[15] Seduta tal-31 ta' Mejju 2023 a. fol. 485.
[16] Xhieda ta' K N fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2022 a fol. 459.

*irresponsabbli għall-aħħar u ċertament li l-Qorti ma tkunx qed tħares l-aqwa interessi tat-tfal jekk kellha taċċetta dan.*

*Kif tgħid il-psikologa Carmen Sammut, because the thing is that in these four years-five now, he had established the second best after his parents were not together, he had established a situation where he had contact with both parents and this was being threatened by the fact that things will change.*[17]

*Li t-tifel imantni l-bond li għandu ma' missieru hija ċertament iktar importanti f'dan il-mument milli li jsib għeruqu li jista' jagħmlu fil-futur. Jekk jitlef dan iż-żmien ma' missieru ikun tilef żmien prezzjuż li ma jerġax jiġi lura. Dawn huma s-snin formattivi tat-tifel u huwa prezzjuż li t-tifel ikollu ż-żewġ ġenituri f'pajjiż wieħed speċjalment fid-dawl tal-fatt li għandu daqstant relazzjoni tajba mat-tnejn. Fil-fatt tgħid Carmen Sammut:*

> *«What I was saying was, what would be important for the child, even if the mother had to go alone, it would still be a loss but the mother knows what she needs to do. But what i am saying is that the child staying in Malta, with both of the parents staying in Malta, when the child is staying in Malta what I am saying is that if both parents are staying here, then that is the ideal. Of course that will protect the stability.»*[18]

*Ma huwiex il-każ li l-omm, għall-inqas sakemm jikber it-tifel, ma tistax issib opportunitajiet hawn Malta kif fuq kollox fil-passat sabet u rrilokat għalihom. Jista' jkun li dan mhux x'tixtieq fil-preżent, iżda l-ħajja magħmulha minn għażliet u jekk fil-passat saru ċertu għażliet wieħed irid jibqa' committed għalihom u mhux jinjorahom għal dak li jixtieq hu mingħajr ma jkun hemm konsegwenzi. Tgħid fil-fatt Ms Sammut «I am a child psychologist, I am saying that in the best interest of the child, it is the ideal situation, it might not be the ideal situation for both parents, we are talking about the child. As the child's psychologist I am saying that it would protect the stability that he has here.»*[19]

*Infatti l-Qorti diġà tiddeplora l-fatt illi t-tifel huwa mdejjaq għax qed iħoss li għandu jagħżel bejn iż-żewġ ġenituri. Din hija pożizzjoni li t-tfal qatt m'għandhom jinġiebu fiha. Hija inutli li l-omm tgħid li ma għandux ikun hemm din l-għażla għaliex il-missier jista' jitla jara lil ibnu fil-vaganzi, għaliex ir-realtà hija tant mod ieħor li t-tifel innifsu qed iħoss sens ta' dwejjaq li hemm ċans li l-ġenituri ma jibqgħux fl-istess pajjiż. Inutli nduru mal-lewża u ngħidu li mhux ser jinqata' l-kuntatt għaliex it-tifel ikun jista' jkellem lil missieru mod ieħor; ir-realtà hija li t-tifel fil-verità*

---

[17] Fol. 487.
[18] Fol. 489.
[19] Fol. 489.

*għandu bżonn kuntatt ma' missieru kif qed isir issa. Infatti t-tifel li kieku jista' jgħix maż-żewġ ġenituri flimkien u hija profonda ħafna l-fatt li jgħid «I want to live with my mum and my dad but I can't because they are divorced». Mela kif jista' qatt wieħed jgħid li din ittieni firda ma hix ser tkun ta' detriment għalih wara li dan it-tifel qed iħoss li ta' lanqas issa għandu relazzjoni tajba maż-żewġ ġenituri u dara sistema fejn iqatta' ħin magħhom it-tnejn? Għandhom ikunu l-extended family li jarahom fil-vaganzi u mhux lil missier. Fuq kollox il-konvenut jgħid[20] li l-omm marret darbtejn biss tara lill-familja tagħha ġewwa Franza jiġifieri ma kienx daqsekk spiss li t-tifel kien qed jibni daqstant relazzjoni profonda magħhom.*

*Il-Qorti hija konvinta, minn analiżi akkurata ta' dan il-każ kif ukoll mill-osservazzjonijiet tal-psikologa, illi t-tifel għandu bżonn bażi u stabbilità u li mhux dejjem joqgħod imbeżża mill-pass li jmiss. Huwa diġà kellu jgħaddi minn inċertezza sakemm qed jipproċedi dan il-każ u għalhekk ma jafx x'ser isir minnu, issa l-Qorti ma tistax taċċetta wkoll li dan it-tifel jitbiegħed b'dan il-mod minn missieru. Wieħed lanqas ma jista' jserraħ rasu mill-fatt li, kif qal id-difensur tal-attriċi, hija tikkommetti ruħha li tibqa' Franza għaliex hawn Malta hija kkommettiet ruħha b'kuntratt iżda xorta waħda qed titlob li tagħmel dan il-pass. Hija tonqos milli tifhem illi ddeċiżjonijiet tagħha għandhom riperkussjonijiet fuq ħaddieħor. Ma jistax wieħed jikkowta każijiet dwar rilokazzjoni mingħajr ma jara speċifikament id-dettalji ta' dan il-każ. Dan ma hux każ ta' rilokazzjoni waħda iżda ta' pattern u li fiċ-ċirkostanzi kollha ġja spjegati ma hix kwistjoni li l-Qorti ma hix tqis ukoll l-interessi tal-omm fis-sitwazzjoni.*

*Huwa naive li wieħed jgħid li r-relazzjoni mal-missier tibqa' listess jekk it-tifel ikun qed jgħix f'pajjiż ieħor, biss biss il-missier ma hux ser ikun involut fid-deċiżjonijiet ta' kuljum tal-omm li diġà qed turi anke minn hawn Malta stess li ma tantx hi disposta tinvolvih għaliex tieħu d-deċiżjonijiet weħedha, aħseb u ara jekk tkun f'pajjiż differenti. Għalkemm jeżistu ċirkostanzi fejn it-tfal ikollhom jaraw lil wieħed mill-ġenituri tagħhom fil-vaganzi biss wieħed ma jistax jinnormalizza din is-sitwazzjoni u jrid iżomm f'moħħu li f'dan il-każ is-sitwazzjoni ma hix hekk fil-preżent u għalhekk ser ikun hemm bidla drastika (għall-agħar għax fuq kollox hawn qed nitkellmu fuq missier it-tifel mhux fuq xi ħadd barrani) li ser taffetwa lit-tifel meta m'hemmx bżonn vitali li l-omm tagħmel dan il-pass. Hawn l-omm ma għandhiex kura u kustodja weħedha u l-missier huwa nvolut sew f'ħajjet it-tifel tant li t-tifel diġà dispratament jgħid li ma jafx kif ser jagħżel bejn it-tnejn.*

*Il-Qorti fil-fatt tikkonkludi billi tikkwota u tadotta l-konklużjonijiet tal-psikologa Carmen Sammut fejn tgħid illi:*

[20] Seduta tad-29 ta' Settembru 2022 a. fol. 473.

> *«If the mother moves to France, with or without E, the separation from one parent will still be the consequence that the child has to live with. As a professional myself, I understand that as adults we may have our own plans for our lives, and we may feel that we need to fit in our child into our plans, also to try to justify our reasoning by arguing that this is all in the best interests of the child. Which in part it is as the child's relationship with a parent is very important. But that is only half of the story, as the other half has the adult putting the child into a situation where he loses all the stability that he had by going to live in another country, even if it is the country he has been born in. As well as moving him away from the other parent, who he had been developing a healthy attachment to these last four years.*
>
> *...*
>
> *E is able to enjoy some quality time with his mother in the evening during the week, and then has the ability to enjoy some quality time with the father from Friday to Sunday morning, which he will not have the opportunity to compensate for if he moves to another country.*
>
> *...*
>
> *To conclude, the ideal solution is very easy to comprehend: it is for both parents to remain close to where the child resides so he can still enjoy the kind of relationship that he has been developing with his family. That is what would be in the best interest of the child obviously. However, life is usually more complicated than the obvious ideal straightforward solution staring everyone in the face. It is up to the parents of E to separate their own interests from those of the child, especially when he is of such a young age and depends on them to be able to put his needs first, and come to a solution which would also integrate within it the best interests of E.»*

8. L-attriċi appellat minn din is-sentenza fil-11 ta' Lulju, 2024, u ressqet aggravju wieħed fejn jikkonsisti fil-fatt li *«l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2024, m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-provi stante li l-Ewwel Qorti bir-rispett kollu għamlet numru ta' preżunzjonijiet żbaljati, li ma ħarġux mill-provi prodotti u tat sfmaturi tal-fatti li ma jirrappreżentawx ir-realtà. Dan jagħmel l-apprezzament tal-provi tal-Ewwel Qorti unsafe and*

*unsatisfactory.»* Fil-fehma tal-attriċi, dan l-apprezzament ħażin tal-provi jikkonsisti fis-segwenti:

a. Preġudizzju kontra n-nisa li huma *single parents* u għandhom karriera, hekk kif fil-fehma tagħha, l-Ewwel Qorti tat l-impressjoni illi mara li hi omm għandha żvantaġġ u *«jekk trid tavvanza fil-karriera tagħha dan awtomatikament għandu implikazzjonijiet negattivi fuq l-omm stante li qiegħda tagħti aktar importanza lill-karriera taġġha minn fuq it-trobbija tat-tifel tagħha».* Tispjega li d-deċiżjoni tagħha li tmur Franza mal-minuri mhux ser tħalli impatt negattiv fuq il-minuri, iżda jekk xejn hija deċiżjoni fl-aħjar interess tiegħu. Tissokta tgħid illi l-preġudizzju tal-Ewwel Qorti jkompli hekk kif fis-sentenza appellata ġie mtenni illi l-appellanta għandha *pattern* li ssiefer sabiex tgħix f'pajjiżi differenti u dan għaliex wara t-twelid tal-minuri, l-appellanta siefret diversi drabi u użat is-servizzi ta' *babysitter* – liema safar sar kollu minħabba raġunijiet ta' xogħol u bil-kunsens tal-konvenut appellat.

b. Hi ġiet tgħix ġewwa Malta flimkien mal-minuri minħabba raġunijiet ta' xogħol u mhux biex tkun viċin l-appellat. Tgħid illi l-konvenut appellat kien jaf b'dan kollu, anzi tisħaq li l-qbil bejn il-partijiet dejjem kien illi jekk l-attriċi

appellanti jkollha *«opportunitajiet oħra barra minn Malta, hi kienet libera li toħodhom u tieħu lil E magħha»*. Skontha, dan l-qbil huwa importanti bħala sfond għall-intenzjoni tal-partijiet meta ffirmaw il-kuntratt tas-6 ta' Settembru, 2019 ġewwa Malta. Tgħid li minħabba f'hekk ukoll li l-kontenut tal-kuntratt iffirmat ġewwa Malta huwa differenti minn dak misjub fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċiprijotta – hekk kif fil-kuntratt imsemmi, ġie primarjament regolat l-aċċess tal-konvenut appellat għall-minuri li seta' jara lill-minuri ta' sikwit, u ġie stipulat ukoll li r-residenza ordinarja tal-minuri tkun mal-attriċi mingħajr ma ssemmiet Malta b'mod speċifiku sabiex skontha tista' tmur tabita fejn trid u meta trid mal-minuri.[21] Għalhekk il-prinċipju tal-*pacta sunt servanda* ma ġiex applikat b'mod ekwu.[22]

c. Sabiex jiġi varjat il-kuntratt li jirrigwarda l-minuri, ma hemmx bżonn li jissussistu ċirkostanzi ta' natura gravi, eċċezzjonali jew indipendenti mill-volontà, iżda huwa biżżejjed illi jinbidlu ċ-ċirkostanzi illi jkunu fl-aħjar interess

[21] Dan għaliex: (i) l-appellanta ma riedetx tintrabat li tgħix hawn Malta sakemm il-minuri jkollu 18 jew 23 sena; (ii) l-appellanta ġiet Malta minħabba raġunijiet lavorattivi u meta l-opportunita' tagħha kellha tispiċċa, din riedet li taqbad u titlaq minn Malta; (iii) ħadd mill-partijiet u lanqas il-minuri ma huma Maltin; u (iv) il-pjan dejjem kien li l-minuri jgħix mal-attriċi.

[22] Għaliex ma kienx hemm lok għall-Ewwel Qorti li tasal għall-konklużjoni illi l-partijiet ftehmu illi r-residenza ordinarja tal-minuri flimkien mal-omm tinsab ġewwa Malta u dan minkejja li fil-ftehim tal-partijiet datat is-6 ta' Settembru, 2019 dan ma ġiex speċifikament imniżżel, iżda l-Ewwel Qorti xorta waħda kienet moralment konvinta li l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-ftehim hekk kien fid-dawl tal-mod kif il-partijiet rregolaw id-dritt ta' aċċess tal-missier favur il-minuri.

tal-minuri.[23] In sostenn ta' dan, l-attriċi appellanti tagħmel referenza għall-**Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili**, liema artikolu jagħti diskrezzjoni wiesgħa lill-Qorti fir-rigward tal-minuri, inkluż li twarrab dak li ġie kuntrattat bejn il-partijiet u dan f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri. L-attriċi appellanti tikkontendi illi bħala l-*primary carer* tal-minuri, hija taf biċ-ċert illi huwa fl-aħjar interess ta' binha li huma jmorru jirrisjedu ġewwa Franza.[24] Madankollu tħoss illi l-prinċipju tal-interess suprem tal-minuri ġie manipulat mill-Ewwel Qorti sabiex takkomoda l-interessi tal-missier, fis-sens illi:

i. Il-konvenut appellat huwa komdu li jkollu aċċess għat-tifel kif stipulat fil-ftehim tal-2019, iżda mhuwiex f'pożizzjoni li jieħu ħsieb lit-tifel kuljum u dan għall-kuntrarju tagħha. Minħabba f'hekk u peress li għall-attriċi, binha huwa prijorità hija xorta waħda baqgħat Malta u dan minkejja li għamlet dan b'sagrifiċċji kbar. Min-naħa l-oħra, tgħid illi però l-konvenut appellat jinsab Malta biss minħabba li għandu relazzjoni ma' mara ta' nazzjonalità Maltija u l-interess tiegħu huwa li jżomm dik l-istess relazzjoni, u mhux li jara l-bżonnijiet tal-minuri. Tispjega li b'mod inġust, l-

[23] Min-naħa tagħha, l-Ewwel Qorti tgħid li fil-każ odjern ma ġrawx ċirkostanzi eċċezzjonali li ġabu lill-attriċi appellanti fl-impossibilità li tkompli teżegwixxi l-obbligi li kkommettiet għalihom fil-kuntratt tas-6 ta' Settembru, 2019.

[24] Tenut kont: (i) dħul aħjar; (ii) il-minuri huwa Franċiż u b'hekk ser jitrabba fil-kultura tiegħu; (iii) ser ikollu aktar opportunitajiet milli jista' qatt ikollu Malta; (iv) xorta waħda ser ikollu kuntatt ma' missieru; (v) l-familja estiża tiegħu tinsab kollha ġewwa Franza.

Ewwel Qorti ma kkritikatx lill-konvenut iżda *«l-Qorti tikkritika b'mod inġust l-appellanta għaliex għandha karriera u ħadet deċiżjonijiet biex tavvanza fil-karriera tagħha, liema deċiżjonijiet qatt ma affettwaw b'mod negattiv lill-minorenni»*;

ii. Minkejja ġenitur jagħmel użu minn servizzi ta' *babysitters* ma jfissirx li qed iġib l-interessi tiegħu qabel dawk tal-minuri. Fil-fatt, għall-attriċi appellanti, l-fatt li l-Ewwel Qorti tara illi jkun iktar ideali fiċ-ċirkostanzi illi l-ġenituri jkunu qrib xulxin sabiex f'każ li jinqala' xi ħaġa, wieħed ikun jista' jgħin lill-ieħor fir-rigward tal-minuri u dan minkejja li jkunu separati u/jew iddivorzjati minn xulxin, huwa minnu nnifsu ta' preġudizzju u mhux fl-interess suprem tal-minuri. Tispjega li hi ma tistax ma titlaqx minn Malta sabiex tassigura li jkun hemm il-konvenut appellant viċin f'każ li jiġri xi ħaġa lilha;

iii. Ir-rutina skolastika tal-minuri ġewwa Franza ser tkun identika għal dik li għandu Malta, u l-konvenut mhuwiex f'pożizzjoni illi jmur għall-minuri l-iskola meta hi ma tkunx tista' tmur fil-ħin. Magħdud ma' dan, l-inkwiet tal-Ewwel Qorti illi l-qraba tal-partijiet ma jinsabux daqshekk viċin ta' fejn kieku ser tkun qed tirrisjedi l-attriċi appellanti huwa infondant għall-aħħar għaliex din hija prassi normali għal

min jgħix f'pajjiż ikbar minn Malta. Dak li kellha tqis l-Ewwel Qorti huwa jekk il-minuri hux ser ikun impoġġi f'periklu.

d. Fir-rapport tagħha l-psikologa Carmen Sammut kellha tieħu in konsiderazzjoni jekk dan it-tibdil kienx ser jikkawża ansjeta' u trawma fil-minuri. Anzi, fl-istess rapport qatt ma ġie konkluż illi t-traslok tiegħu ġewwa Franza flimkien ma' ommu ser jikkawża xi dannu għall-minuri, iżda ġie konkluż biss li l-ġenituri għandhom jieħdu d-deċiżjoni fl-aħjar interess tal-minuri;

e. Nuqqas ta' referenza għall-ġurisprudenza b'fattispeċji simili għal dawk in eżami, ċjoè ta' rilokazzjoni ta' ġenitur b'kura primarja f'pajjiż ieħor minħabba raġuni valida u raġjonevoli.[25] Tispjega li l-Ewwel Qorti kellha tikkunsidra: (i) jekk it-talba għar-rilokazzjoni magħmula mill-attriċi appellanti hijiex motivata minn raġunijiet ġenwini u raġjonevoli; u (ii) is-sitwazzjoni attwali tal-persuna li tkun qed tagħmel it-talba għar-rikolazzjoni;

f. L-iskartar tar-rapport tal-Perit Legali Dr Claudio Zammit, fejn l-Ewwel Qorti lanqas biss tat raġuni għaliex ma

[25] B'mod partikoalri: (i) ***A M pro et noe v. S B noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ġunju, 2009; (ii) ***I C v. G D***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Lulju, 2015; u (iii) ***S M pro et noe v. J E S***, deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja fl-20 ta' Ġunju, 2007.

għazlitx li tistrieħ fuq l-imsemmi rapport. L-attriċi tgħid li l-Perit Legali kien ċar fil-loġika tiegħu, u l-konklużjonijiet kienu bbażati fuq il-liġi u l-każistika. B'hekk, skont l-attriċi, l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda raġuni sabiex ma tistrieħx fuq l-istess rapport, ġaladarba li l-konklużjonijiet ta' Perit Legali mqabbad minnha jistgħu biss jiġu skartati f'każijiet rari u dan meta l-konklużjonijiet milħuqa jkunu rraġonevoli.

9. Il-konvenut wieġeb għal dan l-appell fit-30 ta' Lulju, 2024, fejn hemmhekk huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn huwa jemmen li l-appell tal-attriċi għandu jiġi miċħud.

10. Il-Qorti wara li fliet l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Fl-**uniku aggravju tal-attriċi appellanti**, din tal-aħħar tilmenta dwar kif l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħazin tal-provi meta rrifjutat illi l-minuri jirriloka u jistabbilixxi mal-attriċi r-residenza ordinarja tiegħu ġewwa Franza, u konsegwetament għaddiet sabiex ċaħdet it-talbiet

tagħha għall-varjazzjoni tal-istipulazzjonijiet kuntrattwali tas-6 ta' Settembru, 2019.

12. Fil-fehma tal-attriċi appellanti, l-Ewwel Qorti għamlet numru ta' preżunzjonijiet żbaljati minflok ħadet in konsiderazzjoni l-provi mressqa. Minħabba f'hekk, hija tgħid li l-Ewwel Qorti: (i) kellha ta' preġudizzju kontra dawk in-nisa li huma ommijiet u li għandhom karriera; (ii) skartat l-interess suprem tal-minuri, u dan bl-iskop li takkomoda l-interessi tal-konvenut appellat bħala l-missier; (iii) ma fehmitx l-intenzjoni aħħarija tal-partijiet wara l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet, li minħabba f'hekk, il-massima legali tal-*pacta sunt servanda* ġiet applikata ħażin; (iv) skartat r-rapport u l-konklużjonijiet tal-Perit legali mqabbad minnha stess; (v) straħet fuq ir-rapport tal-psikologa mqabbda mill-Qorti Carmen Sammut, liema rapport ma kienx jinkludi konsiderazzjonijiet dwar l-ansjeta' u t-trawma li *se mai* kien ser jgħaddi minnha l-minuri f'każ ta' rilokazzjoni; u (v) skartat il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u l-prinċipji applikabbli f'sitwazzjonijiet simili.

13. Min-naħa l-oħra, l-konvenut appellat jirribatti għal dawn l-ilmenti billi jgħid illi l-Ewwel Qorti xtarret il-provi kollha li kellha quddiemha, u għalhekk id-deċiżjoni tagħha għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha peress li din ittiehdet fl-interess suprem tal-minuri.

14. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ***N C et v. M Z et***[26]:

> *«Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-Ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-Ewwel Qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti[27].»»*

15. Mill-atti jirriżulta illi l-partijiet, it-tnejn ta' nazzjonalita' Franċiża, iżżewġu fit-23 ta' April, 2007, fejn minn dan iż-żwieġ twieled il-minuri E D nhar is-7 ta' April, 2015 ġewwa Franza. Għal raġunijiet mhux magħrufa, iż-żwieġ tal-partijiet sfaxxa, fejn huma l-ewwel isseparaw *de facto* minn xulxin għal ħabta ta' Settembru, 2015, biex wara u b'mod formali kisbu d-divorzju ġewwa Ċipru fit-28 ta' Frar, 2018, fejn fl-istess deċiżjoni ġew ukoll deċiżi l-kwistjonijiet relatati mal-minuri.

16. Fiż-żmien li l-partijiet isseparaw *de facto* minn xulxin, huma kienu qegħdin jgħixu Malta, iżda mas-separazzjoni, l-attriċi għażlet li titlaq minn Malta flimkien mal-minuri, u dan bil-kunsens tal-konvenut, fejn din għixet u ħadmet ġewwa Franza, l-Awstrija, l-Ingilterra u Ċipru. Wara u fl-2018,

[26] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, is-16 ta' Diċembru, 2019.
[27] ***Dott. A C v. J M et.***, deċiża mill-Qorti tal-Appell, l-14 ta' Diċembru, 2018.

minħabba raġunijiet ta' xogħol, l-attriċi flimkien mal-minuri reġgħu rrilokaw ruħhom Malta, bil-konsegwenza li fis-6 ta' Settembru, 2019, il-partijiet ffirmaw ftehim ġdid rigward il-kwistjonijiet relatati mal-minuri, fosthom: (i) il-kura u kustodja; (ii) ir-residenza ordinarja; (iii) l-aċċess versu l-minuri; (iv) il-manteniment; (v) l-iskola; u (vi) s-safar.

17. Jirriżulta li l-attriċi ilha taħdem fis-settur tal-avjazzjoni għal żmien twil. Meta rrilokat ġewwa Malta fl-2018, hija bdiet taħdem mal-kumpannija -omissis- Malta Limited. F'Novembru, 2020 din il-kumpannija infurmat lill-attriċi illi l-kuntratt tax-xogħol ta' natura indefinita li kellha magħhom kien ser jiġi tterminat minħabba ċirkostanzi 'l barra mill-kontroll tagħhom, ċjoè minħabba l-pandemija tal-Covid-19. Minflok, l-istess kumpanija, offriet lill-attriċi impjieg fuq bażi definita, li seta' jiġġedded kull tliet (3) xhur. L-attriċi aċċettat u fil-fatt baqgħat iġġedded il-kuntratt tax-xogħol tagħha ma' -omissis- Malta Limited sa Settembru, 2021. Wara bdiet taħdem ma' kumpannija oħra f'Malta bl-isem ta' -omissis- Malta Limited, liema xogħol ġie wkoll itterminat b'effett mill-10 ta' April, 2022. Jidher li l-attriċi ma kinetx sodisfatta bix-xogħlijiet li kienet qiegħda ssib ġewwa Malta, tant li bdiet tfittex ukoll xogħlijiet barra minn Malta. Fil-fatt, l-attriċi sabet xogħol ġewwa Franza mal-kumpannija JetFly Aviation SA, tant li f'korrispondenza datata 14 ta' April, 2022, huma kkonfermaw li kienu lesti li jimpjegawha magħhom. Fid-dawl ta' dan, bdiet tikkonsidra r-rilokazzjoni tagħha u ta' binha ġewwa Franza, u għaldaqstant infurmat lill-konvenut

b'dan kollu permezz ta' ittra legali.

18. Il-konvenut oġġezzjona għal tali talba hekk kif saħaq illi tali deċiżjoni ma hijiex fl-aħjar interess tal-minuri għaliex fl-ewwel lok ser tkisser kull stabilità li l-minuri rnexxielu jikseb fiż-żmien li ilu Malta, filwaqt li ser ixxejjen ukoll il-*bond* li l-misser u l-iben irnexxielhom jibnu f'dawn l-aħħar snin.

19. Riżultat ta' din l-oġġezzjoni, l-attriċi bdiet il-proċeduri odjerni bl-iskop aħħari li takkwista l-approvazzjoni neċessarja għar-rilokazzjoni permanenti ġewwa Franza mill-Qorti kompetenti ġewwa Malta u konsegwentament il-varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali. L-attriċi tgħid li r-raġuni tagħha għar-rilokazzjoni ġewwa Franza mal-minuri hija waħda ġenwina u valida, u tali deċiżjoni mhijiex biss importanti u neċessarja għall-attriċi iżda hija wkoll fl-aħjar interess tal-minuri. Għalhekk tikkontendi li ma hemm l-ebda raġuni sabiex din tiġi miċħuda.

20. Stabbilit il-premess, din il-Qorti tqis illi din hija kawża li titratta l-kwistjoni ta' rilokazzjoni permanenti tal-minuri minn Malta għal Franza. Jirriżulta illi fir-rigward tal-minuri, bħalissa, hemm fis-seħħ kuntratt datat 6 ta' Settembru, 2019, li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Fiona Zammit Armeni, li jirregola l-kwistjonijiet kollha bażiċi relatati mal-istess minuri. F'dan il-kuntratt, ma hemm xejn imniżżel dwar il-possibilita' ta' rilokazzjoni

permanenti jew tempooranja tal-minuri f'pajjiż ieħor, iżda jitkellem biss dwar ir-residenza ordinarja tal-minuri. Fil-fatt hemm stipulat illi:

> *«(1) The care and custody of the said minor is being granted to both parents acting jointly, so however that the ordinary residence of the said minor child shall be with the Mother.*
> *…*
>
> *(4) The minor shall reside habitually with the Mother; the Father shall have access to the Minor every weekend, with pick up of the minor every Friday at one (1.00pm) or at three in the afternoon (3.00pm) from school. The Minor shall remain with the Father from the said time on Friday until the following Sunday at ten in the morning (10.00am) whereupon the minor shall be returned by the Father to the Mother at the Mother's place of residence.»*

21. Minn qari ta' dawn il-klawsoli, ma hemm l-ebda dubju illi r-residenza ordinarja tal-minuri timxi ma' tal-omm. Madankollu, min-naħa waħda l-attriċi tifhem illi għalhekk hija tista' taqbad u titlaq minn Malta mal-minuri għaliex skontha l-klawsola hija ġenerika u ma hija marbuta ma' ebda pajjiż, bir-riżultat li r-residenza ordinarja tagħhom tista' tkun fejn trid hi. Filwaqt li l-konvenut jgħid illi minkejja li r-residenza ordinarja tal-minuri timxi ma' tal-attriċi u l-kuntratt ma jsemmix xi pajjiż partikolari fejn din għandha tkun, skontu, l-attriċi għażlet li tistabbilixxi r-residenza ordinarja tagħha ġewwa Malta tant li l-klawsoli fil-kuntratt minnhom nfushom jirriflettu dan. Għalhekk, ikompli jgħid illi l-attriċi ma tistax taqbad u tbiddel ir-residenza kif jidhrilha, għaliex qabel ma tagħmel dan, xorta waħda għandu jiġi diskuss mill-partijiet b'mod konġunt x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri.

22. Din id-diverġenza fil-fehma tal-partijiet, titlob illi għalhekk issir l-interpretazzjoni tal-kuntratt innifsu. F'dan is-sens, l-ewwel regola fondamentali tal-interpretazzjoni hi dik dettata mill-**Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili** li tgħid li meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skond l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għall-interpretazzjoni.[28] Barra minn hekk, l-interpretazzjoni għandha biss tittieħed mill-att stess, u mhux minn provi estraneji, speċjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva għall-kwistjoni prinċipali.[29] Regola oħra daqstant importanti hija li b'applikazzjoni tal-**Artikolu 1008 tal-Kodiċi Ċivili**, il-liġi stess ukoll trid illi l-klawsoli kollha f'kuntratt jitfissru l-waħda bl-oħra, billi lil kull klawsola jingħatalha s-sens illi jidher mill-att kollu.[30]

23. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tara illi l-intendiment tal-partijiet fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt in kwistjoni kien illi flimkien jistabbilixxu *modus operandi* konvenjenti għalihom ġaladarba t-tnejn li huma kienu jinsabu Malta. Fil-fatt minn qari tal-klawsoli kollha, huwa ċar li dan il-ftehim ma jagħmilx sens f'każ li l-minuri ma jkunx qiegħed Malta. B'hekk, dan minnu nnifsu jistabbilixxi illi fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt in kwistjoni, ir-residenza ordinarja tal-attriċi u l-minuri kienet ġewwa Malta - u dan irrispettivament jekk ġiex miktub b'mod speċifiku jew le. Huwa inutli

---

[28] Ara ***A Z et v. E C et***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2021, fejn ġew kwotati s-segwenti sentenzi: (i) ***E S et v. L E et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru, 2000; ***S S v. G T***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Lulju, 2001; ***A B v. C C et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-2 ta' Ottubru, 2001.
[29] Ara ***C C et v. E A***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru, 2002.
[30] Ara ***Terres Co. Ltd. (C-5757) et v. L-Għajn Construction Company Limited (C-6360) et***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2017.

li l-attriċi tittenta taħrab minn dan, għaliex huwa stat ta' fatt illi l-minuri mill-2018 sal-preżent, ċjoè f'seba' (7) snin, stabbilixxa ħajtu hawn Malta. Jiġi mfakkar illi r-residenza ordinarja u/jew abitwali ta' persuna tiġi stabbilita billi pajjiż ikun qed iservi *«for a settled purpose»*.[31]

24. Min-naħa l-oħra, din il-Qorti tara ukoll l-argument tal-attriċi fejn tgħid illi minkejja kollox, fil-kuntratt in kwistjoni, il-partijiet ma ntrabtux illi r-residenza ordinarja tal-minuri għandha tkun mal-attriċi ġewwa Malta sakemm il-minuri jkollu tmintax-il (18) sena. Dan huwa minnu. Huwa minnu ukoll illi *a tempo vergine* l-partijiet naqsu milli jaħsbu għall-eventwalità illi l-attriċi titħajjar titlaq minn Malta, u dan minkejja li huma t-tnejn konsapevoli li l-attriċi għandha t-tendenza illi tirrisjedi u taħdem f'diversi pajjiżi differenti minħabba l-karriera tagħha fis-settur tal-avjazzjoni.

25. Għalhekk il-punt tat-tluq huwa li jiġi mifhum illi skont il-kuntratt iffirmat u r-residenza ordinarja tal-minuri kif stabbilità f'dawn l-aħħar seba' (7) snin:

i. Fil-preżent, ir-residenza ordinarja tal-minuri tinsab Malta; <u>iżda,</u>

ii. Din ir-residenza ordinarja tal-minuri tista' tinbidel għaliex il-partijiet qablu illi din tiddependi u timxi ma' dik ta' ommu; <u>iżda,</u>

[31] Ara ***Direttur tad-Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali v. J F,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Diċembru, 2014.

iii. It-tibdil fir-residenza ordinarja tal-minuri ma tistax isseħħ biss bil-volontà tal-attriċi, imma tista' tkun biss ta' suċċess jekk l-attriċi takkwista l-kunsens tal-missier, jew fin-nuqqas ta' dan, l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti; u,

iv. F'każ li jkun hemm rilokazzjoni, ikun hemm għalhekk lok illi l-kuntratt in kwistjoni jiġi varjat sabiex jirrifletti t-tibdiliet kollha neċessarji, inkluż il-kura u kustodja, u l-aċċess.

26. Dan qed jingħad abbażi żewġ osservazzjonijiet li saru mill-kuntratt, ċjoè li: (i) id-deċiżjonijiet ordinarji biss jistgħu jsiru minn ġenitur waħdu u dan waqt li l-istess ġenitur f'dak il-ħin ikollu miegħu lill-minuri;[32] u (ii) għal kwalsiasi safar tal-minuri, dan jista' jseħħ biss bil-kunsens taż-żewġ ġenituri, u fin-nuqqas ta' dan bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti.[33]

27. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi kien neċessarju li jsiru l-proċeduri odjerni ġaladarba l-konvenut kien qed joġġezzjona illi l-attriċi titlaq minn Malta u tirriloka flimkien mal-minuri ġewwa Franza.

---

[32] Ara klawsola numru 3: *«Ordinary every day decisions shall be taken by the parent with whom the minor child is staying at the time»*.

[33] Ara klawsola numru 7: *«The parties agree that the minor shall have a passport to be issued with the joint authorisation of both parties. The passport is to be kept by the Mother. The minor may travel with either the Father or the Mother provided that the other oarent shall have given his/her prior consent in writing. In case of disagreement, parties shall refer to the competent court for guidance»*.

28. Fi kwalunkwe każ, jiġi mfakkar illi rrispettivament ta' x'ġie mifthiem u maqbul mill-partijiet f'kuntratt rigward il-minuri, bis-saħħa tal-**Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili**, il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa ħafna li tista' f'kwalunkwe ħin tbiddel dak pattwit fejn iċ-ċirkostanzi hekk jirrikjedu u dan fl-aqwa interess tal-minuri. Huwa kruċjali illi kwistjonijiet relatati mal-minuri, ma jistgħu qatt jitqiesu definittivi, għaliex jista' jkun hemm lok għal tibdil ta' ċertu klawsoli u/jew deċiżjonijiet minħabba bdil fiċ-ċirkostanzi. Fil-fatt, fil-każ odjern, iż-żewġ partijiet sostnew dwar l-applikazzjoni korretta tal-prinċipju legali tal-*pacta sunt servanda*, iżda jiġi mtenni illi meta l-oġġett f'kawża jkun minuri, din il-Qorti ma tarax xieraq illi sabiex tiġi applikata riġorożament il-massima legali tal-*pacta sunt servanda*, hija għandha taljena lilha nnifisha mill-interessi supremi tal-minuri. Dan żgur mhuwiex l-obbligu ta' din il-Qorti.

29. Għal kull *buon fini* din il-Qorti ttenni illi dan it-tagħlim ġie wkoll rikonoxxut mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata (ara paġna numru 43), madankollu fl-istess waqt hija għażlet li tiskarta l-istess prinċipju u minflok issoktat tgħid li ġaladarba l-attriċi ntrabtet b'numru ta' klawsoli li jirrigwardaw il-minuri, din issa ma tistax tinħall minnhom iżda għandha tibqa' tonorahom sakemm il-minuri jsir maġġorenni (ara paġna numru 45, 48). Dan minnu nnifsu huwa kontradittorju. Jiġi ripetut illi l-prinċipju tal-*pacta sunt servanda* mhuwiex assolut fejn jidħlu l-minuri, iżda l-interess suprem tal-minuri għandu dejjem jinżamm fil-quċċata, irrespettivament xi

jkunu ftehmu l-ġenituri.

30. Stabbilit il-premess, din il-Qorti tara illi mis-sentenza appellata jirriżulta illi l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi huwa proprju fl-isfond tad-diskrezzjoni wiesgħa li hija tgawdi fir-rigward tal-minuri li għandu jiġi deċiż il-każ in eżami (ara paġna numru 44). Madankollu, tali konsiderazzjoni hija biss parzjalment korretta, hekk kif ser jiġi spjegat hawn isfel.

31. F'każijiet fejn tintalab ir-rilokazzjoni ta' minuri u kif ukoll il-varjazzjoni ta' klawsoli kuntrattwali, il-Qorti nostrana tagħżel illi timxi fuq il-ġurisprudenza Ngliża – xi ħaġa li l-Ewwel Qorti għażlet li ma tagħmilx. F'dawn l-aħħar ħamsin (50) sena, u minkejja li kull każ huwa differenti b'fattispeċji għalih, id-deċiżjonijiet tal-Qrati Ngliżi wrew illi każijiet ta' rilokazzjoni ġew deċiżi b'mod konsistenti fuq l-applikazzjoni ta' żewġ binarji, ċjoè: (i) il-konsiderazzjoni primarja għandha dejjem tkun il-*benessere* tal-minuri; u wara (ii) ir-rifjut tal-proposta raġonevoli għar-rilokazzjoni tal-persuna li f'idejha għandha l-kura primarja tal-minuri, taf tħalli impatt qawwi fuq il-*benessere* tal-minuri. <u>Għalhekk il-prassi hija li f'każijiet ta' din in-natura, tali proposta għar-rilokazzjoni għandha tintlaqa' sakemm ma jiġix deċiż illi l-istess proposta għar-rilokazzjoni hija inkompatibbli mal-interess suprem tal-minuri</u>.

32. B'hekk u sabiex tiġi deċiża kwistjoni ta' rilokazzjoni, il-Qorti, wara li

tara l-provi kollha għandha tagħmel is-segwenti mistoqsijiet:[34]

i. Hija ġenwina u raġjonevoli l-applikazzjoni għar-rilokazzjoni mressqa? Fis-sens, din l-applikazzjoni mhijiex motivata minn xewqa egoista sabiex il-ġenitur l-ieħor jkun eskluż minn ħajjet il-minuri?

ii. Hija realistika l-applikazzjoni għar-rilokazzjoni mressqa? Fis-sens, din l-applikazzjoni hija bbażata fuq proposti prattiċi li huma rriċerkati sew?

iii. L-oġġezzjoni tal-ġenitur l-ieħor hija motivata minn tħassib ġenwin għall-futur tal-*benessere* tal-minuri jew hija mmexxija minn xi motiv ulterjuri?

iv. Xi tkun il-portata tal-ħsara li jġarrab dan il-ġenitur fuqu nnifsu kif ukoll fuq ir-relazzjoni futura li jista' jkollu mal-minuri f'każ li din l-applikazzjoni għar-rilokazzjoni tiġi milqugħa?

v. Xi jkun l-impatt fuq il-ġenitur li jressaq l-applikazzjoni f'każ li l-applikazzjoni in kwistjoni tiġi rifjutata?

[34] Ara ***Payne v. Payne*** *(2001)* EWCA Viv 166, Każ bin-numru 2000/3457, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Diviżjoni Ċivili) ta' Londra, nhar it-13 ta' Frar, 2001.

33. F'każ illi xi waħda mill-ewwel żewġ mistoqsijiet elenkati (i) u (ii) jfallu, ir-rifjut għandu jingħata immedjatament. Madankollu, jekk jirriżulta lill-Qorti illi l-applikazzjoni għar-rilokazzjoni hija ġenwina, raġjonevoli u realistika, għandha tgħaddi għat-tliet mistoqsijiet segwenti, elenkati (iii), (iv) u (v). Wara, it-tweġibiet għall-aħħar tlett mistoqsijiet għandhom jitpoġġew *vis-a-vis* l-interessi supremi tal-minuri.

34. Għalkemm dan l-eżerċizzju ma sarx mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti xorta waħda tara illi l-Ewwel Qorti rnexxielha telenka punti sostanzjalment importanti li wassluha għad-deċiżjoni korretta, ċjoè għar-rifjut tar-rilokazzjoni u l-varjazzjoni tal-kuntratt in eżami.

35. Mill-atti tal-kawża jidher illi l-attriċi trid li tirriloka ġewwa Franza mal-minuri abbażi tliet (3) raġunijiet: (i) fl-ewwel lok minħabba prospett ta' xogħol; (ii) fit-tieni lok sabiex il-minuri jkun jista' jibni l-identità tiegħu u jsib l-għeruq tiegħu ġo pajjiżu; u (iii) fit-tielet lok sabiex tkun viċin tal-familja tagħha peress li hija *single mother* u ma għandhiex familja ġewwa Malta. Din il-Qorti ser tqis kull waħda mir-raġunijiet imsemmija.

36. Fir-rigward tax-xogħol, din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti, hija tal-fehma illi r-raġuni wara r-rilokazzjoni mixtieqa mhijiex minħabba n-nuqqas ta' xogħol hawn Malta fis-settur li fih taħdem l-attriċi, iżda minħabba l-bżonn tagħha li tmur tgħix u taħdem f'pajjiż ieħor sabiex timmeljora l-pożizzjoni

lavorattiva tagħha filwaqt illi tavvanza ‘l quddiem fil-karriera.

37. Jibda biex jingħad illi mhuwiex ikkontestat illi fl-eqqel tal-pandemija tal-Covid-19, l-attriċi sfat biex tilfet xogħolha li kellha fuq bażi indefinita mal-kumpannija -omissis- Malta Limited. Din il-Qorti tistqarr li tenut kont iċ-ċirkostanzi ta’ dak iż-żmien, żmien ta’ inċertezza kbira, issibha ferm raġjonevoli illi l-opportunita tax-xogħlijiet in ġenerali ma kinux qed joffru stabbilità bħalma donnha kienet qed tippretendi l-attriċi.

38. Madankollu, mill-atti jirriżulta illi b’xi mod jew ieħor l-attriċi xorta waħda rnexxielha żżomm ruħha mpjegata u kienet kapaċi tkompli tiġġenera dħul għall-għixien tagħha u binha. Fil-fatt jidher li għalkemm -omissis- Malta Limited ma setgħux jibqgħu joffrulha xogħol fuq bażi indefinit, huma xorta waħda kienu lesti li joffrulha xogħol fuq bażi definit li seta’ jiġġedded kull tlett (3) xhur. L-attriċi baqgħet tali kuntratt sal-aħħar ta’ Settembru, 2021, iżda għal xi raġuni din waqfet taħdem mal-imsemmija kumpannija u fl-ebda waqt ma ġie ppruvat illi l-kumpanija in kwistjoni ma riditx iġġedded il-kuntratt mill-ġdid. Magħdud ma’ dan u dlonk wara, preċiżament fit-28 ta’ Settembru, 2021, l-attriċi rnexxielha ssib xogħol ieħor mal-kumpannija -omissis- Malta Limited, iżda jidher li dan ix-xogħol ġie wkoll itterminat b’effett mill-10 ta’ April, 2022.

39. B'hekk ma jreġġix l-argument tal-attriċi meta tgħid li ma rnexxilhiex issib xogħol ieħor ġewwa Malta fi żmien il-pandemija wara li xogħlha fuq bażi indefinit ma' -omissis- Malta Limited ġie tterminat. Il-prova tal-attriċi konsistenti f'korrispondenza eletronika datata 26 ta' Lulju, 2021, fejn kumpanija Maltija rrifjutat li tingaġġa lill-attriċi magħha, mhijiex prova suffiċjenti li minnha nfisha tistabbilixxi li Malta ma kienx hawn opportunitajiet lavorattivi idoneji għall-attriċi. F'dak iż-żmien il-pandemija kienet għadha għaddejja ġmielha, u din l-opportunità kienet waħda minn oħrajn li marritilha żmerċ. B'daqshekk ma jistax jinftiehem illi f'Malta ma kien hawn l-ebda xogħol tajjeb għall-attriċi. Fil-fatt l-attriċi kienet konsapevoli illi hija kienet qiegħda tfittex xogħol f'nofs pandemija meta tgħid *«I would like to say that I tried to find a job in Malta (…) This was in the heart of covid-19 crisis and jobs in the aviation industry were affected negatively».*

40. Madankollu din is-sitwazzjoni ma kinitx teżisti biss Malta, iżda kienet estiża fuq skala internazzjonali. Anzi, u minkejja l-effetti kollha negattivi li ġabet magħha l-pandemija, jidher u dan mid-dikjarazzjonijiet u r-rendikont tax-xogħlijiet passati tal-attriċi, illi f'Malta kien hawn xogħlijiet adatti għall-attriċi, b'dan illi uħud minnhom ma kinux bil-kundizzjonijiet li riedet hi. Fil-fatt hi stess tgħid: *«I could not find a good <u>enough opportunity</u> in Malta, <u>especially since I did not want to work nights</u>»* u *«on the 28th September, 2021, I have managed to find a job at -omissis- and I have*

*been made redundant on the 10th March, 2022. It is the second time that I (was) made redundant within a year <u>and cannot accept other positions due to night shift and late shift</u>».* Għalhekk, l-attriċi tikkonferma li fi żmien il-pandemija, f'Malta kien hawn numru ta' opportunitajiet fis-settur tal-avjazzjoni, liema opportunitajiet ma kinux tajbin biżżejjed għaliha u dan għaliex hi ma riditx taħdem bil-lejl u/jew tard bil-lejl.

41. Din il-Qorti hija persważa illi xogħlijiet fis-settur tal-avjazzjoni, ħafna minnhom jinvolvu xogħol b'*shift,* u dan għaliex l-ajruport qatt ma jagħlaq, filwaqt li t-titjiriet huma kontinwi. Għalhekk, ma hemm l-ebda dubju li qabel ma l-attriċi bdiet taħdem f'dan is-settur hija kienet konsapevoli ta' dan. Fid-dawl ta' dan, jidher li r-raġuni tal-attriċi li ma taċċettax xogħlijiet għaliex ma tridx taħdem bil-lejl hija waħda frivola. Il-Qorti tifhem illi fejn tista' l-attriċi ser tipprova tagħżel xogħol fejn taħdem filgħodu bl-akbar flessibilità, iżda tenut kont tan-natura lavorattiva tal-attriċi, xogħol *b'shift* ta' bil-lejl seta' ukoll ikun possibbli għaliex: (i) il-minuri mhuwiex tarbija, u għalkemm għadu żgħir huwa ma jiddependix kompletament mill-attriċi; u (ii) fi kwalunkwe każ, <u>*wara*</u> li titkellem u tiftiehem mal-konvenut li wkoll ikollu ġranet fejn jaħdem tard bil-lejl,[35] din dejjem setgħat taċċetta bil-konsegwenza li l-aċċess tal-missier għall-minuri jinbidel sabiex f'dawk il-ġranet li l-attriċi jkun imissha taħdem bil-lejl, il-minuri ikun jista' joqgħod ma' missieru.

[35] Peress li jaħdem fis-settur tal-ikel u x-xorb.

42. Magħdud mal-premess, lanqas ma jista' jiġi skartat il-kumment tal-attriċi meta din tgħid *«I travel a lot»*. Minħabba f'hekk ukoll, din il-Qorti hija moralment konvinta li l-attriċi dejjem tkun attenta għal xogħlijiet opportuni sabiex timmeljora l-karriera tagħha, u dan ikun fejn ikun. F'dan il-kuntest, il-Qorti ma tistax ma tqisx il-passat tal-attriċi, fejn għal diversi drabi bidlet mhux biss il-post tax-xogħol iżda ukoll il-pajjiż fejn tkun qed tirrisjedi ma' binha. Dan minnu nnifsu ma jawgura xejn ħażin, anzi huwa tajjeb ferm li persuna jkollha l-aspirazzjonijiet tagħha. Però, għalkemm il-Qorti tista' tifhem illi l-attriċi tħobb issiefer, tavvanza fil-karriera u tkun *open-minded* kemm jista' jkun, dawn l-objettivi ma jistgħux jibqgħu jitqiesu *in vacuo* daqslikieku l-attriċi ma għandhiex responsabiltajiet ta' omm *versu* binha li għandu bżonn ukoll stabbilità b'mod permanenti sakemm jikber u jieħu l-istat tiegħu. Din kienet ukoll il-fehma tal-Ewwel Qorti. B'daqshekk, l-Ewwel Qorti ma kinitx qiegħda toħodha qatta bla ħabel kontra n-nisa b'karriera. Anzi, fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet illi l-Qrati tagħna jagħrfu d-dritt tal-ġenituri li jibnu karriera anke wara separazzjoni u divorzju.

43. Fir-rigward li l-minuri jkun jista' jibni l-identita' tiegħu u jsib l-għeruq tiegħu ġo pajjiżu, din il-Qorti wkoll ma taqbilx illi din hija raġuni valida. Għalkemm huwa minnu li iben il-partijiet huwa Franċiż, sabiex isib għeruqu u jibni l-identita' tiegħu, mhuwiex neċessarju li jagħmel dan fil-

pajjiż li huwa twieled fih.

44. Illum, li l-minuri għandu kawżi għaxar (10) snin, l-identita' tiegħu diġà bdiet tissawwar ġmielha, u żgur mhux forsi, minkejja li jgħix Malta, huwa jaf perfettament dwar l-għeruq tiegħu u dan bis-saħħa tal-ħin li jqatta' maż-żewġ partijiet kemm ġewwa Malta, kif ukoll mal-familja estiża tiegħu ġewwa Franza. Filwaqt li din il-Qorti hija konxja li l-minuri huwa Franċiż, fl-istess waqt hija tirrikonoxxi ukoll li l-minuri, li illum beda jitfarfar, għandu rabta qawwija ma' Malta fejn għandu familja, ċirku ta' ħbieb, skola, u attivitajiet extra-kurrikulari – ċjoè ħajja stabbilita li għal minuri tfisser ħafna. Meta l-minuri tkellem mal-psikologa Carmen Sammut, ma ħasibx dwar l-għeruq tiegħu ġewwa Franza iżda għalih dak li hu importanti huma l-ġenituri tiegħu. Jidher ċar illi għall-minuri, is-sitwazzjoni preżenti u ċjoè l-ħajja tiegħu Malta fejn jista' jgawdi liż-żewġ ġenituri b'mod kontemporanju, hija the *second best option* fiċ-ċirkostanzi ġaladarba l-ġenituri tiegħu huma separati.

45. Madankollu dan jidher li ftit li xejn huwa ta' importanza għall-attriċi. Fil-fatt u għalkemm l-attriċi taf perfettament li huwa ta' vantaġġ kemm għall-konvenut, u aktar u aktar għall-minuri li t-tnejn li huma jirrisjedu fl-istess pajjiż, hija tissokta tgħid illi «*The fact that you're going abroad will be removing that advantage. This will be best for my son, to identify his roots. Asked whether this should be more important than the bond with*

*his father, I say that this would be a good opportunity for my son to build his identity and connect to his roots. This would not limit Mr D from visiting his son. I would not stop my son from bonding with his daddy».* B'hekk, għall-attriċi jidher li huwa iktar importanti li l-minuri jsib l-għeruq tiegħu u jibni l-identità tiegħu ġewwa Franza, minnflok li jkollu kuntatt kontinwu ma' missieru.

46. Permezz ta' dan l-argument, għandu jiġi sottolienjat illi din il-Qorti mhux timminimizza l-importanza li l-minuri jsir jaf minn fejn ġejjin il-ġenituri tiegħu. Hija tagħraf illi filwaqt li l-minuri għandu ċertu stabbilità ġewwa Malta li għall-benefiċċju tiegħu ma għandhiex tiġi mittiefsa, fl-istess waqt tara li jkun ta' benefiċċju għalih li jivvjaġġa lejn Franza kull meta jkun possibbli sabiex iqatta' ħin mal-familja estiża tiegħu u jsir jaf il-kultura u l-wirt tiegħu.[36] Madankollu, sabiex dan issir, ma hemmx bżonn ta' rilokazzjoni hemmhekk.

47. Fir-rigward tal-fatt li l-attriċi tixtieq li tkun viċin tal-familja tagħha peress li hija *single mother* u ma għandhiex familja ġewwa Malta, din hija raġuni oħra frivola. Din il-Qorti taf illi fil-każ odjern, din mhijiex ir-raġuni primarja tal-attriċi wara l-proposta tagħha għar-rilokazzjoni ġewwa Franza. Il-fatt li l-attriċi ma tkunx viċin l-familja tagħha, mhux ser ikun ta' detriment emozzjonali u psikoloġiku għall-attriċi, li minħabba f'hekk ser

[36] Ara ***S J Z v. G Z***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Lulju, 2000; u ***K S v. D L A***, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ġunju, 2024.

ibati l-minuri. Anzi, mill-atti jidher li l-attriċi, anke meta kellha lill-minuri, hija dejjem għażlet li tgħix ħajjitha, issiefer minn pajjiż għal ieħor bl-iskop li tavvanza fil-karriera. Fil-maġġor parti taż-żmien, anke meta saret omm, dejjem għexet ʻil bogħod minn familtha. Għalhekk din il-Qorti ssibha ferm diffiċli sabiex temmen kliem l-attriċi meta tgħid:

> *«As a single mother, I prefer to be in France, because I would be closer to my family, which would assist me, if required (…) So far, I have never needed such assistance, but if in the eventuality that there is need of some assistance, I know at the back of my mind that there are a number of family members that I can rely on»*.

48. Din il-Qorti ssaqsi għaliex l-attriċi tħoss il-bżonn proprju issa, meta l-minuri jinsab viċin ukoll missieru, li tkun qrib il-familja tagħha? Minkejja li l-attriċi qalet li ser tipprovdi affidavits tal-familjari tagħha sabiex jikkorraboraw dan, dawn baqgħu ma ġewx preżentati.

49. Għalhekk u fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma temminx li l-proposta tal-attriċi hija ġenwina. Il-Qorti tinsab moralment konvinta illi l-attriċi ddejqet Malta, u l-problema ma kinitx in-nuqqas ta' stabbilità fix-xogħol minħabba l-effetti tal-pandemija tal-Covid-19. Din il-Qorti ma temminx li Malta ma kienx hawn opportunitajiet tax-xogħol tajbin għall-attriċi, u dan fid-dawl tal-fatt li s-settur tal-avjazzjoni ġewwa Malta huwa estremament importanti għas-settur tat-turiżmu. Apparti dan, din il-Qorti temmen li ż-żewġ raġunijiet l-oħra lanqas ma huma ġenwini u dan għar-raġunijiet spjegati aktar ʻil fuq f'din is-sentenza.

50. Magħdud mal-premess, din il-Qorti lanqas tara ma li l-proposta hija realistika għaliex il-pjan ippreżentat tal-attriċi ma jipprovdix dettall kif mistenni, tenut kont li hawnhekk qed tiġi kunsidrata proposta delikata u diffiċli. Kieku l-attriċi riedet turi kemm il-proposta tagħha hija realistika, hija kellha tressaq dawk il-provi kollha sabiex turi kemm hi serja dwar din il-proposta, fosthom: (i) il-post eżatt fejn kieku ser tirrisjedi; (ii) l-isem tal-iskola preċiża fejn kieku jattendi l-minuri, billi tippreżenta wkoll dokumentazzjoni mill-iskola li ser jaċċettaw lill-minuri; (iii) dettalji kemm tax-xogħol passat u dak tax-xogħol il-ġdid, fejn jiġu preżentati l-kundizzjonijiet kollha taż-żewġ xogħlijiet sabiex il-Qorti tkun tista' tivverifika u tqabbel li tabilħaqq ix-xogħol il-ġdid huwa aktar vantaġġjuż; (iv) affidavits tal-membri tal-familja li jivverifikaw fejn joqogħdu, u jispjegaw kif ser ikunu viċin l-attriċi; u (v) dokumentazzjoni li tistabbilixxi li l-minuri jista' jkompli bl-istess attivitajiet extra-kurrikulari. Fin-nuqqas ta' provi suffiċjenti, il-proposta qatt ma tista' tiġi kkunsidrata bħala waħda realistika.

51. Għaldaqstant, il-Qorti għandha l-obbligu li tirrifjuta l-awtorizzazzjoni tagħha għar-rilokazzjoni. Barra minn hekk, ma jirriżultax li minn tali rifjut, l-attriċi ser tiġi affetwata b'mod negattiv, iżda min-naħa l-oħra li kieku qatt il-Qorti kellha tawtorizza r-rilokazzjoni, kien ikun il-minuri li jiġi affetwat immensament ħażin. L-istabbilità tal-minuri kif tinsab fil-preżent ġewwa Malta hija importanti, fejn permezz tagħha qed jirnexxielu jibni relazzjoni

maż-żewġ ġenituri. Għandu madankollu jiġi sottolinejat illi għalkemm il-Qorti qed tikkonferma illi mhux fl-interess tal-minuri illi jiġi rilokat ġewwa Franza, hija bl-ebda mod ma qiegħda timponi l-istess fuq l-attriċi. Madankollu u f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri, din il-Qorti tispera illi fis-sitwazzjoni, anke l-attriċi tagħraf x'inhu l-aħjar għal binha u tara kif timxi minn hemm.

52. Fir-rigward tar-rapport tal-Perit Legali Dr Claudio Zammit u dak tal-psikologa Carmen Sammut, l-attriċi tilmenta kif: (i) l-Ewwel Qorti skartat ir-rapport u l-konklużjonijiet tal-perit legali mqabbad minnha stess, filwaqt li; (ii) straħet fuq ir-rapport tal-psikologa Carmen Sammut, liema rapport ma kienx jinkludi konsiderazzjonijiet dwar l-ansjetà u t-trawma li *se mai* kien ser jgħaddi minnha l-minuri f'każ ta' rilokazzjoni. Din il-Qorti tara illi dawn iż-żewġ esperti tal-Qorti ġew imqabbda minnha fit-18 ta' Mejju, 2022 u t-2 ta' Ġunju, 2022, rispettivament.

53. Għar-rapport ta' Carmen Sammut, ma' liema l-attriċi mhux qed taqbel, tant li tgħid li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuq dan ir-rapport, din il-Qorti tara illi mill-atti jirriżulta illi wara li l-psikologa ppreżentat ir-rapport tagħha, l-attriċi naqset milli tagħmel użu mir-rimedji kollha li tagħtiha l-liġi biex tattakka l-konklużjonijiet peritali. Jiġi osservat illi wara li r-rapport ġie maħluf, l-Ewwel Qorti fit-termini tal-**Artikolu 673 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** tat żmien lill-partijiet biex jeżaminaw ir-rapport u

jagħmlu l-osservazjonijiet tagħhom fuq l-istess. Fil-fatt, il-psikologa Carmen Sammut telgħat tixhed nhar il-31 ta' Mejju, 2023, u wieġbet għad-domandi magħmula lilha in eskussjoni. Madankollu, din il-Qorti tara li minkejja l-fatt illi l-attriċi għamlet id-domandi fuq ir-rapport tal-psikologa, hija xorta waħda naqset milli tressaq talba għal ħatra ta' Periti addizzjonali fit-termini tal-**Artikolu 677 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u dan minkejja li jidher ċar li ma kinitx qiegħda taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit tekniku.

54. Sa fejn l-attriċi appellanti tikkritika lill-Ewwel Qorti li warrbet l-opinjoni tal-perit legali Dr Claudio Zammit maħtur minnha, tajjeb li din il-Qorti tibda billi tislet xi prinċipji marbuta mal-prova bil-mezz ta' perit. Il-liġi tipprovdi li l-prova bil-mezz ta' Perit jew Periti tiġi ordnata fuq talba tal-partijiet jew ta' waħda minnhom, inkella mill-Qorti minn jeddha (**Artikolu 644 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Madankollu l-opinjonijiet u l-konklużjonijiet li jagħtu l-periti jaqgħu taħt l-iskrutinju u l-apprezzament tal-ġudikant bħall-provi l-oħra kollha fil-proċess. Għalkemm il-Periti tekniċi jinħatru mill-Qorti sabiex jgħinuha fil-konsiderazzjonijiet tagħha, il-Qorti mhix marbuta li tadotta l-konklużjonijiet tagħhom.

55. Huwa għalhekk li l-**Artikolu 681 tal-istess Kodiċi** jipprovdi li l-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-

konvinzjoni tagħha nnifisha.[37] Għalkemm, f'oqsma tekniċi li ma jaqgħux fil-kompetenza tal-Qorti, l-fehmiet tal-esperti huma meqjusa bħala aċċertament ta' fatti u b'hekk sabiex il-Qorti tkun tista' titbiegħed minnhom, jeħtieġ illi jkun hemm raġunijiet serji u validi biżżejjed.[38]

56. Imħaddma dawn il-prinċipji, din il-Qorti tara illi għalhekk:

a. Ir-rapport tal-psikologa Carmen Sammut, ma kompliex ġie attakkat mill-attriċi u dan minkejja li ma kinitx taqbel miegħu. L-attriċi kellha kull fakultà illi titlob il-ħatra ta' Periti addizzjonali, iżda dan ma għamlitux. Fin-nuqqas ta' prova konkreta rigward il-*benessere* tal-minuri, din il-Qorti tara illi l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda għażla ħlief li taddotta l-istess u tagħmlu tagħha;

b. Ir-rapport ta' Dr Claudio Zammit, bħala rapport ta' Perit legali, seta' jiġi faċilment skartat mill-Ewwel Qorti għaliex l-Qorti għandha l-fakoltà illi tevalwa wkoll hi stess l-aspett legali tas-sitwazzjoni. Fil-fatt, din il-Qorti taqbel perfettament mar-raġunament tal-Ewwel Qorti u mhux ma' tal-Perit legali.

---

[37] Ara s-sentenza fl-ismijiet ***C M pro et noe v. D C et***, deċiża mill- Qorti tal-Appell fil-25 ta' April, 2024; Hekk ukoll, ***A G v. L-Avukat Dr A C*** **et, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju, 2023, fejn** ingħad li r-rapporti tal-periti jservu sabiex jassistu lill-qrati u mhux biex jorbtuhom (*dictum expertorum numquam transit in rem iudicata*).

[38] Ara s-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***P L v. S L*** deċiża fis-26 ta' Mejju, 2021 u ***C sive C G et v. J S*** deċiża fit-28 ta' Jannar, 2021.

57. Għalhekk, l-aggravju tal-attriċi appellanti qed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi **tiċħad** l-appell tal-attriċi.

L-ispejjeż tal-proċeduri tal-appell għandhom jitħallsu mill-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb